MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 14/2007

Il-Pulizija
(Spt. V. Aquilina)

Vs

Jacques (Jacques-Marie) Bonnet

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

1. fis-26 ta’ Jannar, 2005, ghall-habta tas-2.30 p.m., waqt li kien fi Triq l-Imdina gewwa Hal-Balzan, ikkommetta serq ta’ mobile phone tal-marka “Motorola” u zewg cheque books mahruga mill-Bank of Valletta p.l.c., ghad-dannu ta’ Anthony Lia, detentur tal-karta tal-identita’ 476550(M), liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur u xorta ta’ haga misruqa;

2. bejn is-27 ta' Jannar, 2005 u t-3 ta' Frar, 2005, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq bl-istess cheque book ta' aktar minn LM100 izda inqas minn LM1,000 ghad-dannu ta' diversi persuni u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c. liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u xorta ta' haga misruqa;
3. fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-partijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom ghad-dannu ta' diversi persuni u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c.;
4. fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-Gzejjer, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza ghad-dannu ta' Anthony Lia detentur tal-karta tal-identita' 476550(M) u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c.;
5. fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1,000 bi hsara ta' Anthony Lia, detentur tal-karta tal-identita' 476550(M) u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c.;
6. fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-Gzejjer iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank, jew stabbiliment pubbliku, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
7. fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom;

8. fl-istess perjodu ta’ zmien f’dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat u cioe’ cheque book mahruga minn awtorita’ pubblika ghad-dannu ta’ Anthony Lia detentur tal-karta tal-identita’ 476550(M) u l-bank kummercjali Bank of Valletta p.l.c.;
9. fis-26 ta’ Jannar, 2005, ghall-habta tas-2.30 p.m., waqt li kien fi Triq l-Imdina gewwa Hal-Balzan volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe’ fuq vettura ta’ l-ghamla Subaru Forester bin-numru tar-registrazzjoni DBL-279 ghad-detriment ta’ Anthony Lia detentur tal-karta ta’ l-identita’ 476550(M), mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorri l-hames mitt lira Maltin (LM500) izda izjed min hamsin lira Maltin (LM50).
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Jannar, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 261(b)(c) u (g), 263, 267, 271, 278(2), 279, 281, 183, 184, 308, 167, 169 u 325 tal-Kap. 9 sabet lill-appellant hati tal-akkuz kollha dedotti kontra tieghu u hlief is-seba akkuza li hija wahda alternattiva ta’ ricetazzjoni, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha w illiberatu minnha w ghalhekk ikkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Jannar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant mhux hati tas-seba’ akkuza stante illi hija alternattiva w minnha lliberatu, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi l-ohra kollha w ikkundannatu ghal sentejn prigunerija billi tikkonferma fil-parti fejn illiberat lill-appellant mis-seba’ akkuza filwaqt illi fuq ammissjoni tikkonferma l-htija fit-tieni, fir-raba’, fis-sitt u fit-tmien akkuza w thassaraha w tikkancellaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tielet, il-hamis u d-disgha akkuzi w minnhom tilliberah, u fin-nuqqas, l-appellant talab li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-22 ta’ Frar, 2007,li bih l-appellant offra li jissalda l-partiti kollha li jidhru fid-diversi

akkuzi dedotti kontra tieghu w li bih Dr. Patrick Valentino ghall-appellant iddikjara li l-appellant irid jirrinunzja ghall-aggravji kollha hlief dak li jirrigwarda l-piena;

Rat il-verbal ulterjuri registrat fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2007, li bih l-appellant iddikjara li kien dispost ihallas is-somma ta' LM1074. 56c u fejn talab ftit taz-zmien biex ikun jista' jhallas;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu, 2007, li fih gie regisrat li Dr.Patrick Valentino ikkonsenja lill-Ispettur Victor Aquilina, seduta stanti, s-somma ta' LM1074.56c li l-istess Spettur iddikjara li kien qed jircevi bhala d-danni kollha involuti fid-diversi akkuzi dedotti kontra l-apellant u li hu impenja ruhu li jghaddi lill-vittmi tar-reati rispettivi.

Semghet ix-xhieda tal-istess Spettur Victor Aquilina fejn qal li l-vittmi tar-reati kollha kienu hafru lill-appellant u anzi kienu ddikjaraw mieghu li huma qatt ma kienu riedu l-kaz jasal sa hawn u li l-appellant jigi kundannat ghall-piena ta' prigunierija.

Rat in-Nota tal-appellant ipprezentata fl-istess udjenza li biha rrinunzja ghall-aggravji kollha hlief dak li jirrigwarda l-piena;

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni, in vista ta' dan l-izvilupp pozittiv, irrimettiet ruha dwar il-piena w iddikjarat illi hija tkun sodisfatta jekk il-piena karcerarja effettiva tigi mibdula f' wahda ta' sentenza sospiza ghall-erba snin.

Rat illi ghalhekk l-uniku aggravju rimanenti huwa dak li jirrigwarda l-piena w cioe' l–piena inflitta kienet esagerata tenut kont li kien hemm diversi sitwazzjonijiet mitiganti, fosthom li l-appellant kien ikkoopera bis-shih mal-ufficjali tal-Pulizija waqt l-investigazzjoni w ta dettalji akkurati fl-istqarrija tieghu a tempo vergine; li l-ammont minnu akkwistat kien wiehed zghir, li hu kien ghamel ammissjoni bikrija fl-ewwel okkazzjoni li kellu ghat-tieni, r-raba', s-sitt u t-tmin imputazzjoni. Gie sottomess ukoll li l-appellant ma kellux fedina penali refrattarja ghalkemm ma kinetx netta w li dawn ir-reati kienu gew kommessi meta hu kellu

problema tad-droga, li llum hu heles minnha. Di fatti l-appellant qed jahdem u ghandu zewg *part time jobs* kif jirrizulta mill-istess depozizzjoni tal-*probation officer* .

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienet xejn esagerata fic-cirkostanzi. Kienet entro l-parametri tal-ligi w fic-cirkotanzi kienet ben kalibrata ghall-kaz kif kien jipprezenta ruhu meta l-Ewwel Qorti giet biex taghti s-sentenza.

Illi pero' f' dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tinjora l-izvilupp pozittiv li sehh proprju fil-mori ta' dan l-appell fejn l-appellant hallas ghas-saldu l-ammonti kollha nvoluti fid-diversi imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu anki dawk li hu kien qed jikkontesta. Dan wassal biex il-partijiet lezi ddikjaraw ma' l-Ispettur li huma kienu hafru lill-appellant u li ma riedux li hu jigi karcerat.

Illi f' dan il-kontest, fejn gie ripristinat kollox ghas-sodisfazzjon ta' l-partijiet lezi, u meta qieset li donnu l-appellant issa irzetta w qed jahdem, tara li - anki bl-adezjoni tal-Prosekuzzjoni - hemm lok li ikun hemm varjazzjoni fil-piena biex tirifletti dan kollu.

Ghal dawn il-motivi qed tilqa' l-appell tal-appellant limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata, billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu hlief is-seba' imptazzjoni, li kienet akkuza alternattiva w ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-sentejn prigunerija effettivi w minnflok, fil-waqt li tikkundannah ukoll ghall-sentejn prigunerija, tordna li din il-kundanna pero', bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, m' ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-periodu ta' erba

snin mil-lum, l-appellant jerga' jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Il-Qorti qed tispjega lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti ma tul il-periodu ta' erba snin mil-lum reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Tordna ukoll lir-Registratur li josserva l-obbligi tieghu ghall-fini tal-artikolu 28A (8) tal-Kap.9.

Fl-ahhar nett tordna li, a kura tar-Registratur, tintbaghat kopja ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, (Magistrat Dr.Saviour Demicoli), biex, jekk hu l-kaz, tittratta ma l-appellant dwar is-sentenza sospiza minnha erogata fit-18 t' April, 2004, skond ma jirrizulta mill-fedina penali aggornata tal-appellant esebita quddiem din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------